# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn tletin (30) ta' Ottubru 2017**

**Rikors Numru 308/17 FDP**

**fl-atti tal-Ittra Ufficjali 753/17**

**fl-ismijiet**

**Automated Revenue Management Services Limited
(C 46054)**

**vs**

**Adrian Muscat
(ID 999347M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 13 ta' Ottubru 2017 fejn ir-rikorrenti Janet Muscat, mart Adrian Muscat, talbet is-segwenti:

> *Illi hija ghadha kif giet notifikata mill-Bank taghha li gew sekwestrati flus minn zewgt kontijiet kontijiet taghha in segwitu ta' mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 1766/17/MM ghalkemm dan l-istess mandat ghadu ma giex debitament notifikat skond il-ligi.*
>
> *U peress illi l-precitat mandat ta sekwestru inhareg wara li l-fuq indikata ittra ufficcjali giet resa titolu esekuttiv stante li l-intimat zewgha baqa ma wegibx entro t-terminu ta' 30 jum stipulat fil-ligi:*
>
> *U peress ili l-imsemmi zewgha, ghal ragunijiet medici ma ghandhux il-kapacita mentali li jiehu hsieb hwejgu u jaghmel atti civili u di fatti huwa gie dikjarat civilment inkapacitat kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok X*

*U peress illi difatti l-istess esponenta martu giet konfermata bhala l-guardian tieghu ai termini tal-Att numru XXIV tas-sena 2012 biex tirraprezentah ghall-atti kollha tal-hajja Civili tieghu u dana kollu kif jirrizulta anness Dok X*

*U peress illi r-Registratur tal-Qorti Civili Gurisdizzjoni Volontarja giet notifikata b'din l- ordna ta Guardianship ai termini tal-ligi.*

*U peress illi ghalhekk ghandu jirrizulta li f'dan il kaz hija applikabbli l-proviso stipulat fl-artikolu 166A (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta Malta;*

*Ghaldagstant l-esponenta titlob bir-rispett illi dina Honorabbli Qorti joghgobha ghar-raguni premessa u ai termini tal-Artikolu 166A (5) (ii) thassar u tirrevoka a contrario imperio u in toto l-effetti legali esekuttivi tal-precitata ittra ufficcjali u tiddikjara l-istess bhala li ghandha tigi meqjusa nulla u bla effett.*

Rat l-Ordni mahruga mill-Guardianship Board fl-10 ta' Jannar 2017 fejn Adrian Muscat, residenti gewwa St. Vincent de Paul Residence tqieghed taht il-kustodja tar-rikorrenti Janet Muscat, illi tigi martu, liema ordni l-Qorti tifhem illi inharget a tenur tal-Artikolu 519F tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta tas-socjeta ARMS Limited ippresentata fit 18 ta' Ottubru 2017, fejn laqghet ghal dak mitlub billi qajjem is-segwenti eccezzjonijiet:

1. *Illi in primis ir-rikorrenti ma tistax tattakka hi personalment it-titolu ezekuttiv kif qed taghmel permezz tar-rikors tagnha tat-13 ta' Ottubru, u dan peress li hija biss "guardian" ai termini tal-Att XXIV tal-2012 u ghalhekk tista biss tassisti lill-Adrian u mhux tidher addirittura hi personalment f'ismu, u ghalhekk hija ma ghandiex locus standi. Se mai r-rikors kellu jigi ntavolat minnha "bhala kustode" ta' Adrian Muscat u dan bis-sadha ta' l-ordni datata 10 ta' Jannar 2017 mahruga mill-Guardianship Board, "Dok x" anness mar-rikors promotur.*

2. *Illi l-proviso tal-Art. 166A(1) tal-Kap. 12 ta-Ligijiet ta' Malta u li ai termini tieghu r-rikorrenti qed titlob li jithassar it-titolu ezekuttiv ottenut korrettement u skont il-Ligi bl-ittra ufficciali li ggib in-numru 753 tal-2017 datata 3 ta' April, 2017 mibghuta lill-Adrian Muscat li ghandu l-karta ta' l-identita' numru 999347M, jirreferi ghall-kazijiet fejn ma tistax tigi wtilizzata l-procedura tal-Art. 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fosthom fejn persuna li kontriha jkun ser jittiehdu l-proceduri jkun "persuna inkapacitata" skont bil-Ligi.*

3. *Illi msemmi Adrian Muscat ma huwiex persuna inkapaci, skont il Ligi, izda, skont l-istess dokument markat "Dok X", gie mpoggi taht tutela u moghti "Gaurdian" biss biex tassistih, kif tipprovdi l-Ligi (Att XXIV tal-2012), tant li -Art. 519F(3) il-Ligi tghid li meta tohrog tali ordni ta' "Guardianship", din trid tkun l-anqas restrittiva possibbli.*

4. *Illi l-ittra ufficciali imsemmija fuq ilha li giet intavolata mit-3 ta' April, 2017 u waslet fir-residenza ta' l-imsemmi Adrian Muscat, skont ir-registru elettorali ta' dakinhar sa mis-6 ta' April, 2017 u ghaliha iffirma ricevuta certu Gerald Cardona li ghandu karta ta' -identita' li ggib in-numru 647262M.*

   *Illi sta ghall-Guardian li tiehu mizuri mehtiega, kif obbligata bil-Ligi li tassisti li persuna li qed tghin.*

> *Illi l-ittra ufficijali kienet tindika kjarament li l-istess, jekk kienet se tigi kontestat, li kellha tidhol risposta fi zmien stipulat kif dettat mill-istess Ligi.*
>
> *Illi jidher li kien biss meta l-Bank of Valletta, sussegwentement ghall-mandat ta' sekwestru ezekuttiv, iddepozita flus appartenenti lill-Adrian Muscat li r-rikorrenti ndunat li ma kienitx ghamlet id-dover taghha li tiehu hsieb l-interessi ta' Adrian Muscat u issa qed tippretendi li twaqqa u tannulla titolu ezekuttiv, ottenut skont il- Ligi u perfettament san.*
>
> *Ghaldaqstant hija umilment titlob lill-din i-Qorti li tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejez kontra l-istess rikorrenti u dan ghar-ragunijiet imsemmija fuq.*

Rat il-verbal illi sar quddiem il-Qorti fit 23 ta' Ottubru 2017 fejn ir-rikorrenti esebiet dokumentazzjoni in konnessjoni mal-kontijiet bankarji illi fihom inzammew il-flejjes rizultat tal-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi, fejn iddikjarat illi tali kontijiet huma 'joint accounts' bejnha u bejn ir-ragel taghha, Adrian Muscat.

Rat illi l-partijiet, permezz ta' verbal quddiem dina l-Qorti, indikaw l-posizzjoni legali taghhom fil-kaz odjern, u dana meta gie vverbalizzat dan li gej:

> *Il-PL Noel Scerri iddikkjara illi l-pozizzjoni taghhom hija dik indikata fir-risposta fis-sens illi l-inkapacita' li setghet kienet applikabbli kienet dik ezistenti fil-Kodici Civili u mhux dik tal-Guardianship Act.*
>
> *Dr Raphael Fenech Adami jiddikjara illi l-pozizzjoni taghhom hija li -proviso tal-166 (A) (1) ma taghmel ebda distinzjoni ghal-ligi ghall-inkapacita' kontemplata fil-Kodici Civili, imma ssemmi biss inkapacita' u ghalhekk il-Guardianship Act hija applikabbli wkoll, stante li hija parti m gi Maltija. l-atti tal-mandati jigu annessi mal-process ll-Qorti tordna*

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2017 il-partijiet gharrfu lill Qorti illi setghet tghaddi ghas-sentenza fuq il-fatti u dokumentazzjoni ppresentati quddiemha.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi fuq talba ta' Janet Muscat Inglott, fl-10 ta' Jannar 2017 inharget Ordni ta' Kustodja fil-konfront tar-ragel taghha, Adrian Muscat, u dana a tenur tal-Artikolu 519F (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta mill-Bord dwar il-Kustodja, fejn Janet Muscat giet mahtura Kustodja a tenur tal-Ligi.

Jirrizulta wkoll illi Adrian Muscat Inglott qieghed jirrisjedi gewwa l-Isptar ta' St Vincent de Paul.

Jirrizulta illi fit 3 ta' April 2017, is-socjeta Automated revenue Management Services Limited bghatet Ittra Ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A, ossija l-Ittra Ufficjali 753/17 meritu tar-rikors odjern, lill Adrian Muscat ghall hlas ta' €4,931.96 illi kien il-kont ta' l-ilma u dawl tal-fond 15, Fiddlers Croft, Triq Claire E Engel, San Giljan.

Jirrizulta illi dina l-Ittra Ufficjali intbghatet fl-Isptar San Vincenz de Paul, u jidher illi dina giet moghtija lill certa Gerald Cardona.

Jirrizulta illi, sussegwentement, fit-18 ta' Settembru 2017, inhareg Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Nru 1766/17 fil-konfront ta' Adrian Muscat, liema Mandat gie akkordat fl-20 ta' Settembru 2017 u ezegwit fit-22 ta' Settembru 2017.

Jirrizulta illi fit 28 ta' Settembru 2017 ir-rikorrenti giet infurmata mill-Bank of Valletta illi s-somma ta' €5,365.91 giet mizuma minn zewgt kontijiet.

Jirrizulta, eventwalment, illi fit 13 ta' Ottubru 2017 ir-rikorrenti intavolat il-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrenti qieghda tikkontesta l-validita' tal-Ittra Ufficjali stante illi tishaq illi r-ragel taghha Adrian Muscat kien inkapacitat filwaqt illi s-socjeta ARMS Limited tishaq illi l-fatt li Adrian Muscat tqieghed taht Kustodja ma jfissirx illi huwa inkapacitat u ghalhekk l-Ittra Ufficjali inharget validament.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi dwar meta tista tinhareg Ittra Ufficjali a tenur tal-istess Artikolu 166A fejn, fit-tieni proviso ta' l-ewwel sub artikolu, hemm pprovdut is-segwenti:

> *Iżda wkoll il-kreditur ikun jista' jimxi skont dan l-artikolu biss jekk id-debitur ikun preżenti f'Malta u ma jkunx minuri jew persuna inkapaċitata skont il-liġi u jekk id-dejn ma jkunx dovut minn eredità ġjaċenti. Il-ħatra ta' kuraturi skont it-Titolu XI tat-Tielet Ktieb ta' dan il-Kodiċi ma għandhiex tapplika għal proċeduri skont dan l-artikolu:*

Jirrizulta illi l-Artikolu 519D tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *Talba permezz ta' rikors għall-ħatra ta' kustodju għandha ssir lill-Bord dwar il-Kustodja skont l-artikolu 188A tal-Kodiċi Ċivili.*

Jirrizulta illi l-Artikolu 188A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-Subtitolu II fuq l-Interdizzjoni u l-Inabilitazzjoni, persuna tal-età b'diżordni mentali jew b'kundizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha tista' tkun soġġetta għal kustodja.*

Jirrizulta illi l-Artikolu 519F tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *(1) Jekk il-Bord dwar il-Kustodja jidhirlu li hemm raġuni tajba għall-ħatra ta' kustodju, il-Bord għandu jipproċedi biex jagħmel dik il-ħatra u l-persuna hekk maħtura bħala kustodju għandha teżerċita l-funzjonijiet, l-obbligi u d-dmirijiet kollha previsti fir-*

*rigward ta' kustodji skont is-Subtitolu IA tat-Titolu VI tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili u skont dan it-Titolu.*

Jirrizulta illi l-Artikolu 188B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistabilixxi s-segwenti funjonijiet lill-Kustodju:

*Kustodju għandu:*

*(a) jkun responsabbli biex iħares il-benesseri personali u tal-proprjetà tal-persuna li tagħha jiġi maħtur bħala kustodju;*

*(b) jaġixxi minflok il-persuna li tagħha jkun ġie maħtur bħala kustodju f'materji ta' natura personali jew ta' proprjetà matul dak il-perjodu li fih dik il-persuna hi kunsidrata bħala mhux kapaċi li teżegwixxi xi att wieħed jew aktar tal-ħajja ċivili kif speċifikat fl-Ordni dwar il-Kustodja;*

*(ċ) jagħmel kull ħaġa oħra għal u f'isem il-persuna li tagħha jkun ġie maħtur bħala kustodju hekk kif ikun hekk ordnat jew awtorizzat jagħmel mill-Bord dwar il-Kustodja stabbilit taħt it-Titolu IIIA tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja jew kif jista' jiġi preskritt b'regolamenti magħmulin taħt dan is-Subtitolu.*

Jirrizulta illi l-Artikolu 519F, sub artikoli (2) u (3) jaghmluha cara illi:

*(2) Fid-deċiżjoni jekk persuna għandhiex bżonn ta' kustodju jew le, il-Bord għandu jikkonsidra jekk il-ħtiġiet tal-persuna li dwarha sar ir-rikors jistgħux jiġu osservati permezz ta' mezzi anqas restrittivi fuq il-libertà tal-volontà u l-azzjoni tal-persuna.*

*(3) Meta l-Bord jagħmel ordni li jaħtar kustodju fir-rigward ta' persuna, l-ordni għandu jkun l-anqas restrittiv possibbli tal-libertà ta' deċiżjoni u azzjoni ta' dik il-persuna kemm jista' jkun possibbli fiċ-ċirkostanzi.*

Jirrizulta illi t-talba ghal Kustodja hija procedura separata u distinta minn dik ta' Interdizzjoni u Inabilitazzjoni, u di fatti, l-Artikolu 520 91) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

*(1) It-talba għall-interdizzjoni jew għall-inabilitazzjoni fil-każijiet ta' diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmel persuna inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha, ta' ġenn, jew ta' tberbiq, issir b'rikors lill-Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja.*

Jirrizulta, ghalhekk, illi l-procedura tal-Kustodja hija differenti minn dik ta' Interdizzjoni u Inabilitazzjoni, u di fatti, l-Artikolu 519F, fis-subartikoli (5) u (6) jipprovdi illi:

*(5) Il-Bord għandu permezz tar-Reġistratur tiegħu jinnotifika r-Reġistratur tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja dwar l-Ordnijiet kollha ta' Kustodja approvati jew revokati.*

> *(6) Ir-Reġistratur tal-Bord għandu jżomm reġistru aġġornat tal-Ordnijiet kollha ta' Kustodja approvati jew revokati u l-kondizzjonijiet dwarhom.*

Jirrizulta, madankollu, illi l-procedura tal-Kustodja, kif ukoll dik ta' Interdizjoni u Inabilitazzjoni lkoll ghandhom l-istess bazi, ossija "*dizordni mentali jew kundizzjoni ohra li taghmel persuna* <u>*inkapaci*</u> *li tiehu hsieb hwejjiegha*". Dana qieghed jinghad ghax tali dicitura tidher kemm fl-Artikolu 188A (1) tal-Kap 16, kif ukoll fl-Artikolu 520 (1) tal-Kap 16.

Jirrizulta, di fatti, illi tant il-legislatur, huwa u jirredigi l-ligi, kien qieghed jikkontempla li l-persuna illi titqieghed taht Kustodja ghandha l-istess ta' livell ta' inkapacita' ta' persuna interdetta jew inabilitata, illi l-Artiklu 519M tal-Kap 16 jikkontempla illi:

> *(1) Kull persuna msemmija fl-artikolu 189(3) tal-Kodiċi Ċivili jew l-artikolu 521 ta' dan il-Kodiċi tista' titlob lill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja biex tibdel ordni ta' interdizzjoni jew ta' inabilitazzjoni f'Ordni ta' Kustodja u l-imsemmija Qorti tista' titlob il-parir tal-Bord dwar il-Kustodja.*
>
> *(2) Meta l-Qorti tikkunsidra li hemm raġunijiet suffiċjenti biex issir il-bidla msemmija fis-subartikolu (1) il-Qorti għandha toħroġ Ordni ta' Kustodja u għandha tavża b'dan lill-Bord dwar il-Kustodja.*

Jirrizulta illi l-Artikolu 166A (1) tghid illi li tali Ittra ma tistax tinhareg kontra persuna illi hija "*persuna inkapaċitata skont il-liġi"*

Jirrizulta illi tali Artikolu jirreferi ghall persuna illi hija inkapacitata' skond il-Ligi, u b'tali kliem il-Qorti tifhem kull persuna illi ma hijex f'pusizzjoni illi tiehu hsieb l-affarjiet taghha, u dana ghandu ghalhekk jinkludi, il-persuni interdetti jew inabilitati, kif ukoll il-persuni illi huma taht Ordni ta' Kustodja, bhalma huwa Adrian Muscat fil-kaz odjern.

Ghalhekk, il-Qorti tikkonkludi illi, fil-kaz odjern, dan indikat fit-tieni proviso tal-Artikolu 166A (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta japplika fil-kaz odjern, u ghalhekk il-presuppost tal-Ligi fl-Artikolu 166A (5) (ii) japplika fil-kaz odjern.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi Adrian Muscat jinsab rikoverat gewwa l-Isptar San Vincenz de Paule, fejn jidher illi huwa registrat illi qieghed jghix.

Jirrizulta illi n-notifika ta' tali att ma sarx direttament lill Adrian Muscat izda sar lill certa Gerald Cardona.

Jirrizulta illi, a tenur ta' l-Artikolu 187 (1) tal-Kap 12

> *In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew*

*fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha.*

Ma jirrizultax, mill-provi prodotti, illi Gerald Cardona huwa membru tal-famlija jew membti tat-tar, jew persuna fis-servizz ta' Adrian Muscat u wisq anqas il-prokuratur ta' AdrianMuscat jew persuna awtorizzata biex tircievi l-posta tieghu.

Ghalhekk, jirrizulta illi, apparti l-kunsiderazzjonijiet fuq maghmulha, Adrian Muscat ma giex notifikat bl-Ittra Ufficjali mibghuta a tenur tal-Artikolu 166A skond il-Ligi, u ghalhekk jirrizulta ppruvat illi il-presuppost tal-Ligi fl-Artikolu 166A (5) (i) japplika fil-kaz odjern ukoll.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi qieset il-fatti kollha tal-kaz u wara illi ghamlet il-kunsiderazzjonijiet kollha kif fuq esposti,

**Tilqa** t-talba rikorrenti u ghalhekk

**Tiddikjara** l-Ittra Ufficjali 753/2017 fl-ismijiet '*Automated Revenue Management Services Limited vs Adrian Muscat*' ppresentata fit-3 ta' April 2017 bhala nulla u bla effett u ghalhekk tiddikjara rexissi l-effetti ezekuttivi ta' l-istess Ittra Ufficjali, liema effetti kienu dahhlu fis-sehh fit 28 ta' Awissu 2017.

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni ghandhom ikun a kariku tas-socjeta Automated Revenue Management Services Limited

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur